MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-5 ta' Awwissu, 2004

Numru. 89/2004

**Il-Pulizija**
**(Supretendent Paul Camilleri)**

- vs-

**MARGARET CAMILLERI**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputata **MARGARET CAMILLERI** mart Paul u bint Joseph Rapa u Mary nee Buttigieg imwielda nhar il-hamsa ta' April, 1951 u residenti gewwa il-fond numru 18, Triq Wied Simar, Qala, Ghawdex, dententrici tal-karta tal-identita` numru 24351G giet mressqa quddiemha akkuzata talli nhar it-tmienja ta' Jannar, 2004 ghall-habta tal-hdax u kwart ta' filghodu waqt li kont fi Triq Simar, Qala, Ghawdex;

1. Volontarjament kissret il-bon ordni u l-kwiet tal-pubbliku bi glied;

2. Talli verbalment ingurjat u heddet lil Rose Xuereb mill-Qala;

3. Talli hebbet kontra l-persuna ta' Mary Rose Xuereb mill-Qala u kkagunatilha griehi ta' natura hafifa skond ma ccertifikaw it-tobba Dottor John Xuereb Curmi mic-Centru tas-Sahha, Rabat, Ghawdex u minn Dottor Martin Cuatjar;

4. Talli volontarjament ikkagunat hsara w gharrqet hwejjeg haddiehor (imsielet) liema hsarat ma jiskorrux il-hamsin lira Maltin, imma jeccedu l-ammont ta' ghaxar liri Maltin.

Il-Qorti hija gentilment mitluba li f'kaz ta' htija tapplika l-artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet lix-xhieda prodotta mill-Prosekuzzjoni u cioe lil **Doctor Martin Cutajar** li **xehed** nhar t-tmintax ta' Marzu 2004 fejn ikkonferma li meta huwa nvista lil Maryrose Xuereb, sab li kellha tbengila fuq il-kappell ta' fuq t'ghajnejha x-xellugija u li kellha ugiegh f'ghonqha. Il-feriti gew deskritti minnu bhala ta' natura hafifa u li kienu friski.

**Doctor John Xuereb xehed** wkoll fejn iddeskriva l-feriti li sab fuq Maryrose Xuereb bhala ta' natura hafifa. Huwa ezamina lil Maryrose Xuereb fic-Centru tas-Sahha ta' Victoria, u sab li kellha barxa superficjali fuq ghajnejha ix-xellugija. Sab li Maryrose Xuereb kienet wkoll qed tilmenta minn ugiegh f'ghonqha u bhala kawza spjiegatlu li kienet giet aggredita minn mara li gibditha minn xagharha. Huwa kkonferma l-kontenut tac-certifikat li kien irrilaxxja dakinhar stess tal-ezami u li huwa esibit fl-atti.

**PS 567 xehed** w ikkonferma li fil-hamsa ta' Awissu 1992, s-Sinjura Xuereb kienet ghamlet rapport li fil-hamsa ta' Awissu 1992, ghall-habta tat-tmienja w nofs hija kienet involuta f'incident zghir mal-imputata Margaret Camilleri,

ghalkemm proceduri fil-Qorti qatt ma ttiehdu. Dakinhar tat-tmienja ta' Jannar 2004, huwa kien xoghol l-Ghassa u jiftakar li Maryrose Xuereb marret taghmel rapport l-Ghassa ghall-habta tal-hdax u nofs ta' filghodu kontra l-imputata odjerna fis-sens li gibditha minn xagharha u bdiet tghajjarha "Q……….." u "L……… u kerha." Kissritilha l-imsielet u wegghatilha ghonqha. Proprju dak il-hin waqt li kienet l-Ghassa, dahlet l-imputata Margaret Camilleri ma certu Daniel Camilleri u kien ser jinqala argument iehor. Daniel Camilleri kien irrabbjat hafna tant li anke hedded lil Maryrose Xuereb waqt li kien l-Ghassa billi pogga idejh fuq ghonqu waqt li beda jhares lejn Maryrose Xuereb u ghalhekk huwa keccih 'l barra. Huwa talab wkoll lil imputata tohrog mill-Ghassa sabiex jzomm l-kalma u kien wara li ha r-rapport ta' Maryrose Xuereb, li beda jkellem lil imputata.

L-imputata qaltlu li hija kienet ghaddejja bil-kelb fit-triq u Maryrose Xuereb saqet ghal fuqha. Hija ghajjriha minnufih "kerha" u Maryrose Xuereb harget mill-karozza u gew fl-idejn. Meta staqsiha jekk gibditiex minn xagharha, hija cahdet li ghamlet dan. Cahdet li kissret x'imsielet ta' Maryrose Xuereb jew li ghajjritha xi kliem, salv li qaltilha "kerha". Spjiegat li hija evitat milli ttajjar lil imputata billi marret fuq il-bankina.

**Maryrose Xuereb spjiegat** dak li kien gara u qalet li ma hu veru xejn li kienet ser ittajjar lil imputata bil-karozza. Spjiegat li kienet ghaddejja bil-karozza u l-imputata bdiet tghajjarha kliem mhux xieraq bhal "Q……." u "L…… u kerha." Hija nizlet mill-vettura u marret tistaqsiha ghaliex kienet qed tghidilha hekk u minnufih l-imputata qabditha minn xagharha u tatha daqqa f'ghejnjha u wegghetilha ghonqha. Hija ghalhekk baqghet sejra l-Ghassa biex tirrapporta dan l-incident. Spjiegat wkoll li waqt li gibditilha xagharha, kissritilha l-imsielet li kienet liebsa.

**L-imputata Margaret Camilleri xehdet** il-Qorti fejn spjiegat li huwa minnu li giet fl-idejn ma Maryrose Xuereb izda dan gara meta Maryrose Xuereb marret fuqha ghas-sodisfazzjon waqt li kienet miexja bil-kelb u ghal xejn b'xejn wegghatha. Cahdet li ghajjritha izda ammettiet li

qaltilha "kerha". Cahdet wkoll li kissritilha l-imsielet u li gibditha minn xagharha.

**Daniel Camilleri kkonferma** dak kollu li qalet ommu l-imputata, ghalkemm ma kienx hdejha mill-bidu nett tal-incident. Cahad wkoll dak li qal l-Pulizija fil-konfront tieghu u cioe li hedded lil Maryrose Xuereb waqt li kienet l-Ghassa u li gie mkecci mill-istess Ghassa.

Id-Difiza ressqet bhala xhud lil omm l-imputata u cioe lil Maria Rapa li hija mara anzjana ta' sitta w tmenin sena, li l-Qorti semghet gewwa darha stess. **Maria Rapa kkonfermat** li bintha l-imputata harget dawra bil-kelb u f'xi hin kien hemm mara li waqfet il-vettura taghha fejn bintha. Rathom imqabbdin f'xaghar xulxin u wara ftit tal-hin bintha l-imputata rritornat d-dar. Din ix-xhud kkonfermat li bintha l-imputata u din il-mara ilhom zmien twil imqabbdin ma xulxin u li mhux l-ewwel darba li ghajjru lil xulxin "ja kerha".

Illi in vista tas-suespost, ghalhekk il-Qorti hija tal-fehma li l-Prosekuzzjoni rnexxilha tipprova l-ewwel tlett akkuzi fil-konfront tal-imputata.

**Il-Qorti** rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 338(dd), 339(e), 339(d), 221(1), 325(c) u 383 tal-Kap 9 tal-Ligjiet ta' Malta u **tiddikjara li qed issib lil imputata MARGARET CAMILLERI <u>hatja tal-ewwel, t-tieni w it-tielet akkuza</u> u tikkundannha ghal hlas ta' multa komplessiva ta' tletin lira maltin filwaqt li tiddikjara li <u>ma ssibhix hatja tar-raba akkuza</u>, stante li ma gietx ppruvata bl'ahjar mod, u tilliberha minn din r-raba akkuza.**

**Il-Qorti** qed tipprovdi wkoll ghas-sigurta ta' Maryrose Xuereb billi qed **tobbliga lil imputata sabiex ma tkellimx u ma timmolestax lil Maryrose Xuereb ghal perjodu ta' sitt xhur mill-lum taht penali ta' hamsin lira** fin-nuqqas ai termini tal-artikolu 383(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------